MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1562/2001/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Naira Bonnici**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permess taghha gie premess li skond id-dokumenti relattivi hawn annessi u mmarkati Dok A u Dok B, kif ukoll skond ir-regolament vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta' Maltacom p.l.c.), il-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, seba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm6,728.93) in kwantu ghall-tmien mija u ghaxar liri maltin u tmintax-il centezmu (Lm810.18) in

konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru 324749 tlieta tnejn erbgha sebgha erbgha disgha, u in kwantu ghall-hamest elef, disa’ mija u tmienja u ghoxrin lira maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm5,918.75) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru 347227 tlieta erbgha sebgha tnejn tnejn sebgha skond il-prospetti hawn annessa u markat bhala “Dok C” u “Dok D “ ;

Premess illi l-konvenuta interpellata biex thallas baqghet inadempjenti;

Premess illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli;

Is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta’ attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt t’elef, seba’ mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm6,728.93);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonli u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------